MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 67/1977/1

**Henri Rizzo in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited, u b’ nota tat-2 ta’ Novembru 1983 Dr.Grazio Mercieca assuma l-atti tal-kawza minflok Henri Rizzo li miet fil-mori tal-kawza, u dan ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited, u b’ nota tat-13 ta’ Marzu 1986 Joseph M.Formosa assuma l-atti tal-kawza minflok Dr.Grazio Mercieca, u b’ nota tat-3 ta’ Settembru 1987 Dr.Dominic Cassar assuma l-atti tal-kawza minflok Dr.Grazio Mercieca ghan-nom u in rappresentanza tal-istess Bank, u b’ digriet tat-13 ta’ Frar 2004 il-kelma ‘Limited’ wara l-isem tas-socjeta’ attrici gie sostitwita bl-ittri ‘plc’.**

**Vs**

**l-Avukat Dottor Victor Ragonesi u Lena Huber u ghall-interess li jista’ ghandu r-ragel taghha Albert Huber.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fic-citazzjoni tieghu, l-attur nomine harrek lill-konvenut Avukat Dottor Victor Ragonesi, lil Lena Huber u ghall-interess li jista' ghandu, lir-ragel taghha Albert Huber, biex jidhru quddiem din il-Qorti u hemmhekk, peress li l-konvenuta Lena Huber, ghandha kont kurrenti mal-Bank rapprezentat mill-attur, liema kont jinsab a debitu fl-ammont ta' Lm3128.70clm kif jirrizulta mill-prospett markat (Dok. A) hawn esibit in fotokopja, u peress illi l-konvenut Avukat Dottor Victor Ragonesi iggarantixxa r-restituzzjoni tal-imsemmi debitu b'garanzija solidali li taghha hawn annessa kopja fotostatika (Dok. B); u peress li kemm il-konvenuta Lena Huber, kif ukoll il-konvenut Dr. Victor Ragonesi baqghu inadempjenti ghalkemm interpellati, anki ufficjalment biex ihallsu; talab li jghidu l-konvenuti, ghaliex, ghar-ragunijiet fuq indikati m'ghandhomx jigu minn din il-Qorti kundannati solidalment ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm3128.70clm bilanc a debitu fil-kont kurrenti f'isem Lena Huber mall-Bank of Valletta Limited, flimkien mall-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Dicembru 1976 sal-gurnata tal-effettiv pagament. Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Lena Huber li biha eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfont tal-eccipjenti minhabba l-inkapacita' legali taghha fiz-zmien li gie kkreat il-kreditu allegat fic-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Albert Huber li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tieghu, principalment peress illi l-allegat kreditu sar ad insaputa tieghu u allura necessarjament la seta' kieku kien il-kaz, jaghti l-kunsens tieghu u lanqas jassisti lil martu, il-konvenuta Lena Huber, kif kienet tirrikjedi l-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Victor Ragonesi li biha eccepixxa:

In linea preliminari, illi huwa jirrikjedi l-prova tar-rappresentanza tal-attur skond l-istatut tas-socjeta' instanti.

Kwantu ghall-posizzjoni tieghu bhala garanti solidali mall-konvenuta, huwa jirriserva illi jaghti l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri tal-kawza wara li ikun ezamina l-eccezzjonijiet fil-meritu taz-zewg konvenuti l-ohra.

Minghajr pregudizzju, kwantu ghas-somma rikjesta mill-attur nomine, l-esponent ma jaqbilx ma l-addebiment tal-interessi tat-tmienja fil-mija kull sitt xhur ghaliex b'dan il-mod l-interessi annwali jigu jeccedu ir-rata permessa mil-ligi.

Minghajr pregudizzju, il-parti l-kbira mis-somma avanzata lill-konvenuta mhuwiex responsabbli ghaliha l-eccipjent fi kwalunkwe kaz ghaliex il-bank ma hax il-firma tal-eccipjent qabel ma avanza il-flus kif kien miftehim bejn l-eccipjenti u l-bank.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat [illum Imhallef] Dottor Joseph Galea Debono minnu debitament mahlufa fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 1989;
Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Philip Manduca minnu debitament mahlufa dl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2001;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Ghal habta tas-sena 1969 kien sar ftehim verbali bejn il-konvenuti konjugi Huber u l-konvenut Dr.Victor Ragonesi fis-sens li kellha tinxtara plot f' Santa Maria Estate fil-Mellieha, u wara li tinbena, jinqasam il-qligh mill-bejgh taghha. Skond dan il-ftehim, filwaqt li l-konvenut Dr.Ragonesi kellu johrog il-flus kemm tal-prezz tal-plot kif ukoll tal-ispejjez tal-kostruzzjoni taghha, il-konvenuti Huber ma kellhomx johrog flus izda l-obbligu taghhom kien limitat li jiehdu hsieb ix-xoghol kollu.

Fit-termini ta' dan il-ftehim inxtrat il-plot numru 367 fuq isem il-konvenuta Lena Huber b' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr.Paul Pullicino fl-1 ta' Settembru 1969, u l-prezz thallas mill-konvenut Dr.Victor Ragonesi. Jigi osservat f' dan ir-rigward li, ghalkemm fuq il-konvenju[1] precedenti l-kuntratt kien deher l-konvenut Albert Huber, fil-kuntratt finali deheret il-mara tieghu Lena Huber. Jidher li dan kien dovut ghall-fatt li Albert Huber f' dak iz-zmien kien impjegat mal-Barclays Bank li kien jipprojibixxi lill-impjegati tieghu milli jinnegozjaw. Ghalhekk, b' dikjarazzjoni datata 30 ta' Awissu 1969 u ffirmata minnu l-konvenut Huber awtorizza u ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex martu Lena Huber tidher fuq l-att ta' kompra vendita. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni <u>datata u iffirmata</u> tinsab esebita fl-atti.[2]

Sussegwentement bdiet il-kostruzzjoni tal-plot, u kif mifthiem, filwaqt li Lena Huber kienet tiehu hsieb tqabbad il-haddiema u tissorvelja x-xoghol u thallas lill-haddiema, il-flus kien johroghom kollha Dr.Victor Ragonesi.

Illi matul il-kostruzzjoni tal-fond, beda jidher li l-ispiza kienet ser teccedi l-ammont prospettat u l-konvenut Dr.Ragonesi ma kienx f' posizzjoni li johrog aktar flus. Ghalhekk permezz ta' ittra datat 22 ta' Lulju 1971 lill-allura National Bank of Malta huwa talab ghan-nom tal-konvenuta Mrs.Lena Hubera li tigi koncessa *"a loan of Lm3,000"* biex jkunu jistghu jigu kompletati x-xogholijiet fuq il-fond de quo. Fl-istess ittra Dr.Ragonesi qal ukoll

[1] Dok.R1 – Fol.184
[2] Dok.R2 – Fol.186.

*"So far, L7,000 have been spent on it, and all expenditure and payments have been channelled through and controlled by me. In actual fact no orders are placed nor works undertaken without my consent and approval. These arrangements will continue in force until the villa is sold...... and the Bank loan will be utilised by me"*[3] Fl-istess ittra gie dikjarat li dawn il-konvenuti kienu lesti li jggarantixxu r-rifuzjoni tal-ammont b' ipoteka spejcali fuq il-villa that kostruzzjoni.

Illi, ghalkemm inizjalment il-bank kien talab li s-self isir kontra ipoteka specjali bhala garanzija, sussegwentement accetta garanzija personali u solidali da parti tal-konvenut Dr.Ragonesi. Irrizulta wkoll li, ghalkemm il-bank kien talab l-approvazzjoni bil-miktub ta' Albert Huber, bhala r-ragel tal-konvenuta Lena Huber li fuq isimha kien ser jinfetah il-kont, biex tkun tista' ssir it-transazzjoni, mill-files tal-bank ma rrizultax li din kienet intbaghtet lill-bank.[4] Izda jidher li l-bank qaghad fuq il-kelma ta' Dr.Ragonesi li Lena Huber kellha l-approvazzjoni tar-ragel taghha.

Illi konsegwenzjalment giet akkwistata *overdraft facility* ta' Lm3,000 fuq l-istess kont, u l-konvenut Dr.Victor Ragonesi dahal personalment garanti solidali mal-konvenuta Lena Huber bhala debitrici principali kif jirrizulta mid-dokument intestat *"Personal Guarantee"* datat 30 ta' Awissu 1971 iffirmat mill-istess konvenut.[5] Huwa rilevanti wkoll li bejn il-konvenuti Huber u Ragonesi dak iz-zmien kien hemm *"fiducja reciproka shiha".*[6] Jirrizulta wkoll li l-konvenuti Albert Huber u Dr.Ragonesi kienu primi kugini.

Illi in bazi ta' dan infetah il-kont numru 01 00 05258 mal imsemmi Bank, intestat *"[Name] Mrs.Lena Huber – [Address] c/o Dr.Victor Ragonesi LL.D 19 St. Lucia Str., Valletta"*[7] b' imghax ta' 8% u b' limitu ta' Lm3,000; u fis-6 ta' Settembru 1971 sar l-ewwel withdrawal ta' Lm980 u baqghu isiru pagamenti minn dan il-kont sat-22 ta' Otturbu

[3] Dok.R10 – Fol.194
[4] Dep. Henry Micallef [General Manager] – 20.06.79 Fol.48
[5] Dok.B – Fol.20
[6] Dep. Dr.Ragonesi – 30.11.1995 – Fol.242; konfermat mix-xhieda ta' Lena Huber
[7] Dok.A – Fols.19 - 16

1973 meta sar l-ahhar pagament ta' Lm180. Wara, baqghu jigu addebitati l-interessi u l-bank charges.

Huwa rilevanti l-fatt li, filwaqt li l-ewwel cheque ta' Lm200 bin-numru 26739 datat 22 ta' Settembru 1971 huwa maghmul pagabbli lil "Mrs.L.Huber" u ffirmat konguntament kemm mill-konvenuta Huber kif ukoll mill-konvenut Ragonesi, il-kumplament tal-assenji huma pagabbli lil "Self" jew "Cash" u jgibu l-firma biss ta' Lena Huber; u jinsab ammess minn din il-konvenuta li f' xi okkazzjonijiet c-cheques kien jippreparahomlha zewgha jew bintha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut Albert Huber qed isostni li l-kreditu akkwistat minn Dr.Ragonesi ghan-nom ta' martu, sar ad insaputa tieghu, u allura "necessarjament la seta', kieku kien il-kaz, jaghti l-kunsens tieghu u lanqas jassisti lil martu … kif kienet tirrikjedi l-ligi."[8] Il-konvenuta Huber minn naha taghha, u konformament ma' din il-presa di posizione tar-ragel taghha, eccepiet l-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt "minhabba l-inkapacita' legali taghha fiz-zmien li gie kkreat il-kreditu.."[9]

In sostanza dawn l-eccezzjonijiet huma bazati fuq il-fatt sostnut mill-konvenuti li huma na kienux konsapevoli tal-fatt li l-konvenut Dr.Ragonesi kien akkwista overdraft facility fuq l-konvenuta Huber.

Il-konvenuta Lena Huber issostni li meta hi kienet marret il-bank mal-konvenut Ragonesi, hija hasbet li dan kien ser jiddeposita xi flus f' kont fuq isimha biex tkun tista' tkompli bil-pagamenti. Fix-xhieda taghha, hija ssostni li kienet marret mal-konvenut Ragonesi "biex kif qalli hu jiddepozita xi flus f' ismi biex inkun nista' nkompli nhallas ix-xoghol tal-bini. Fil-Bank jiena ma kellimt lil hadd. Lil min kellem Dr.Ragonesi ma nafx, naf pero' li dahal f' xi ufficju l-Bank u x' hin hareg qalli li kollox kien sew. L-iskrittura [garanzija personali fol.20] qatt ma kont rajtha

[8] Fol.23
[9] Fol.22

qabel. Mill-Bank qatt ma rcevejt statements. Bdejt nircevi statements biss minn xi sena 'l hawn jew forsi xi ftit qabel."[10]

Minn naha tieghu, il-konvenut Albert Huber isostni li, ghalkemm huwa kien ipprepara xi uhud mic-cheques li kienet tiffirma martu, huwa haseb li l-konvenut kien pogga xi flus fil-kont. Fi kliemu: "is-self lil marti ma kontx naf bih. Pero' kont naf li Dr.Victor Ragonesi pogga elfejn liri maltin [Lm2,000] *to her credit*. Sirt naf b' dan meta harget mill-Bank u gabet ic-cheque book. Jien ma ridtx li marti tissellef il-flus. Jien kont nahdem ma' Barclays."[11]

Dan il-konvenut qal wkoll li l-istatements tal-bank ma kienux jigu ghandhom, izda kien jircevihom il-konvenut Dr.V.Ragonesi peress li, ghalkemm il-kont kien jghajjat lil Lena Huber, dan kien indirizzat c/o l-ufficju tal-konvenut Ragonesi, u ghalhekk ma setghax ikun jaf li c-cheques kienu jirreferu ghal *overdraft* account. Huwa nnega li kien iffirma d-dokument R5 li huwa draft ta' awtorizzazzjoni bil-miktub da parti tieghu sabiex martu takkwista overdraft facility. Fi kliemu: "dan id-dokument qatt ma rajtu u inqas u inqas iffirmajtu" [12]. Dan id-dokument li la huwa datat u lanqas huwa ffirmat kien gie prezentat mill-konvenut Dr.Ragonesi.
Dan il-kwadru tal-fatti premess mill-konjugi Huber jkkuntrasta bis-shih mal-versjoni tal-fatti sostnuta mill-konvenut Ragonesi. Dan il-konvenut fl-affidavit tieghu sostna li l-ftehim dwar ix-xiri tal-plot inizjalment u principalment kien mal-konvenut Albert Huber, kif jixhed il-fatt li dan il-konvenut deher fuq il-konvenju, izda ma riedx jidher fuq il-kuntratt ta' kompra vendita minhabba l-impieg tieghu mal-Barclays Bank. Ghall-istess raguni, meta hu u l-istess Albert Huber, kienu qabblu li jottjenu self mill-Bank, gie mifthiem li s-self jidher fuq Lena Huber. Dr.Ragonesi spjega wkoll li l-istess konvenut kien "sab oggezzjoni ghall-ipoteka peress li l-Barclays Bank kellu regola li impjegati u n-nisa taghhom ma jistghux jisselfu minghajr permess, u fi kwalunkwe kaz is-self isir minn

[10] Dep.31.10.1979 – sottolinear tal-Qorti - Fol.54
[11] Dep.9.12.1999 – fol.298
[12] Fol.189

Barclays stess. Biex ma jsirx att notarili, accettajt li naghmilha garanti ta' Lena Huber." [13]

Dr.Ragonesi kompla jispjega li meta l-bank talab l-awtorizzazzjoni tar-ragel ghas-self "jien irridigejt id-dokument [R5] u tajtu lil Albert Huber li qalli li kellu jiehdu personalment lin-National Bank of Malta."[14] "L-original tieghu gie ffirmat mis-Sur Huber fil-presenza tieghi u irtirah minghandi u qal li kien ser jibghatu l-Bank huwa. Wara qalli li kien baghtu."[15] Sussegwentement, skond l-istess konvenut, Henry Micallef kien cempillu biex jghidlu li seta' jmur mal-konvenuta Huber biex issir il-loan.

Fix-xhieda tieghu Henry Micallef in propositu jghid li: "Mill-file ma jirrizultax li din l-approvazzjoni kienet saret bil-miktub, pero' nista' nghid zgur li Dr.Ragonesi kien qalilna verbalment li kellu din l-approvazjoni."[16]
Dwar ic-cheques li kienu johorgu fuq il-kont in parola l-istess xhud jgid: "L-arrangament kien li c-cheques jigu ffirmati minn Lina Huber u minni. L-ewwel cheque hekk sar. Ic-cheque book kien ghandi."[17]

*Osservazzjonijiet guridici*
Illi, stante li l-kreditu in disamina kien gie kkuntrattat ghal habta ta' Awissu 1971, u l-kont beda jigi operat fis-6 ta' Settedmbru 1971 u, stante li l-ahhar operazzjoni bankarja relattiva ghal dan il-kont saret fit-22 ta' Ottubru 1973 meta l-kont gie addebitat bl-ammont ta' Lm180, huwa applikabbli r-regim legali vigenti qabel l-emendi li ddahhlu bl-Att XLVI tas-sena 1973 u li gew in vigore fl-1 ta' Jannar 1974.

Illi skond l-Artikolu 9 [1] tal-Kodici Civili [illum abrogat bl-imsemmi Att] il-mara mizzewga ma setghetx titrasferixxi, tobbliga ruhha jew takkwista that ebda titolu, sew oneruz kemm gratuwitu, "minghajr il-kunsens tar-ragel u quddiemu"; u s-sub inciz [2] kien jiddisponi li "il-presenza

[13] Aff. 19.03.1986 – Fol.122
[14] Ibid. – sottolinear ta' din il-Qorti.
[15] Dep. 30.01.1987. – Fol.131-132
[16] Dep.20.06.1979 – Fol.47-48
[17] Ibid. – sottolinear ta' din il-Qorti.

tar-ragel ma hix mehtiega, meta dan ikun ta l-kunsens tieghu bil-miktub." Ghalhekk biex kontrattazzjoni ta' obbligazzjoni da parti ta' mara mizzewga tkun valida kien jehtieg jew l-intervent personali tar-ragel taghha, jew il-kunsens tieghu bil-miktub. Fin-nuqqas ta' wiehed minn dawn il-fatturi, l-obbligazzjoni tkun annullabbli, u l-Art.12 [illum abrogat] kien jiddisponi li "In-nullita' minhabba nuqqas ta' seta' jew ta' kunsens ma tistax tingieb il-quddiem, hlief mir-ragel jew mill-mara jew mill-werrieta taghhom, jew minn dawk li l-jedd taghhom gej minnhom."

*Osservazzjonijiet fil-meritu*
Illi mill-premess ghandu jirrizulta car li l-kaz tal-attur fil-konfront tal-konvenuti Huber jimpernja fuq l-esistenza o meno tal-intervent personali jew kunsens bil-miktub da parti tal-konvenut Albert Huber ghal-facilita' bankarja akkwistata u ghall-operazzjoni taghha fuq isem martu Lena Huber. L-oneru ta' din il-prova jirrisjedi fuq l-attur bhala pretendent tal-kreditu. Hija l-Banka attrici li trid tipprova l-esistenza ta' tali kunsens bil-miktub.

Jigi rilevat li f' materja ta' grad ta' prova gie osservat li "Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwak tal-konsistenza u **verosimiljanza,** ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" [[1] *Prim.Awla [MCC]* ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia*** *– 24.11.1966]*

Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[18] Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili

---

[18] *App.Civ.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace****[1986] Vol.LXX.II.144*

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li, nonosante li l-konvenut Dr.Ragonesi jsostni li dan il-kunsens bil-miktub kien inghata mill-konvenut Albert Huber li ffirmah fil-presenza tieghu [Dok.R5], dan il-kunsens bil-miktub ma wasalx ghand l-awtoritajiet tal-bank, u l-General Manager ta' dak iz-zmien hass li kellu, cio nonostante, jipprocedi ghat-transazzjoni fuq il-kelma tal-konvenut Dr.Ragonesi li Albert Huber kien ta l-approvazzjoni tieghu.

Illi konvenut Ragonesi minn naha tieghu jsostni kategorikament li Albert Huber kien iffirma d-dokument R5 fil-presenza tieghu u, fuq talba tal-istess Huber, kien ikkonsenjah lilu sabiex jibghatu l-Bank. F' dan ir-rigward tapplika l-massima *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*. Jinkombi fuq il-konvenut Ragonesi li jipprova b' mod sodisfacenti din l-allegazzjoni. In propositu s-segwenti konsiderazzjonijiet huma opportuni:

[1] Illi, ghal kuntrarju tal-awtorizzazzjoni moghtija minn Albert Huber lil martu sabiex din tidher fuq il-kuntratt tal-akkwist, id-dokument R5 rappresentanti kopja tal-approvazzjoni miktuba ta' Albert Huber sabiex martu takkwista l-overdraft facility, la ghandu data u lanqas ghandu firma. Il-Qorti tosserva li l-konvenut Ragonesi bhala Avukat prattikanti zgur li kien konxju tal-importanza u l-effetti legali ta' dan id-dokument u li jzomm kopja shiha tieghu biex occorrendo jipproduciha bhala prova; u ghalhekk huwa fatt stramb li l-kopja esebita la ghandha data u lanqas ghandha firma. In mankanza ta' firma, ma kienx possibbli li Albert Huber jigi konfrontat bil-firma meta cahad li huwa kien ra dak id-dokument.

[2] Illi mill-provi rrizulta ampjament li l-parti finanzjarja tal-ftehim bejn il-konvenuti kienet kollha f' idejn il-konvenut Ragonesi. It-transazzjonijiet bankarji kienu kollha mmexxija minnu, b' mod li l-kont, ghalkemm intestat "Mrs.Lena Huber" kien indirizzat lilu, kien jircevi l-bank statements hu u kien nnegozja mal-bank, verbalment u b' korrispondenza, sabiex tigi akkwistata l-overdraft facility. Il-konvenut Albert Huber minn naha tieghu ma kien ried jidher imkien minhabba l-impieg li kellu mal-Barclays Bank. Fid-dawl ta' dawn il-fatti provati huwa ferm

imkomprensibbli il-fatt sostnut mill-konvenut Ragonesi li meta Albert Huber iffirma d-dokument R5 dana talabulu sabiex jibghatu hu l-Bank u "irtirah hu minghandi u qal li kien ser jibghatu l-bank huwa. Wara qalli li kien baghtu"[19]. Anke jekk veritiera din l-allegazzjoni, zgur li l-manuvra ta' Albert Huber, li ma ried jidher imkien, kellha tqajjem suspetti f' mohh il-konvenut Ragonesi.

Barra minnhekk kien principalment fl-interess tieghu, bhala garanti solidali, li qabel ma jakkwista l-facilita' bankarja in kwistjoni huwa jaccerta ruhu li l-Bank kien irceva l-approvazzjoni ffirmata minn Albert Huber [l-original tad-dokument R5] u li kienet tinsab fir-records tal-Bank. Jidher li din il-verifika ma saritx da parti tal-konvenut Ragonesi u fix-xhieda tieghu qal "Ghad li jien ma nafx jekk dak id-dokument il-Bank kienx ircevih, naf li Henry Micallef kien cempilli fl-ufficju biex jghidli li stajt immur l-ufficju tieghu ma Mrs.Huber biex issir il-loan." Madankollu huwa xorta ffirma u dahal responsabbli bhala garanti solidali minghajr ma ghamel tali verifika, u ghalhekk ghal din in-nuqqas *imputet sibi*.

[3] Illi rigward l-allegazzjoni da parti tal-konvenut Dr.Ragonesi li l-ftehim inizjali kien li c-cheques johorgu bil-firem kongunti tieghu u ta' Lena Huber, jigi osservat li, anke jekk dan jigi koncess, il-konvenut Ragonesi kien konxju u accettanti tal-fatt li c-cheques sussegwenti kienu qed johorgu biss bil-firma tal-konvenuta Huber. Wara kollox huwa kien jircevi l-istatements l-ufficju tieghu u zgur li kien konsapevoli ta' dak li kien qed jigri. Inoltre, il-Qorti tosserva li huwa ferm improbabbli li l-konvenuta Huber, li mill-provi jirrizulta car li kienet immexxija mill-konvenut Ragonesi ghal dawk li huma pagamenti, li dina thallas il-kontijiet minghajr konsultazzjoni mieghu. Il-provi f' dan ir-rigward juru mod iehor u cioe' li l-pagamenti kienu jsiru wara konsultazzjoni mieghu u bl-approvazzjoni tieghu.

[4] Illi l-konvenut Albert Huber cahad kategorikament u b' mod persistenti l-fatti allegati mill-konvenut Dr.Ragonesi.

---

[19] Dep.Dr.Ragonesi [supra]

Illi l-konsiderazzjonijiet premessi jdghajjfu serjament il-versjoni tal-konvenut Dr.Ragonesi li qabel il-kontrattazzjoni tal-facilita' bankarja fuq isem Lena Huber, il-konvenut Albert Huber kien ta l-kunsens tieghu bil-miktub. Il-Qorti hija tal-fehma li la l-Banka attrici u lanqas il-konvenut Dr.Ragonesi ma rnexxielhom jipprovaw dan il-fatt sodisfacentement.

In mankanza ta' kunsens bil-miktub, u fid-dawl tal-fatt provat li Albert Huber ma kienx prezenti meta giet kontrattata l-obbligazzjoni minn martu, kif kienet tirrikjedi l-ligi *ad validitatem* dak iz-zmien, din il-kontrattazzjoni ma tissodisfax il-vot tal-ligi minhabba inkapacita' legali tal-istess martu Lena Huber, u dan anke jekk dina kienet taf li ser jinfetah dak it-tip ta' kont fuq isimha.

Illi f' dan l-istadju huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet rigward il-konsapevoleza o meno da parti tal-konvenuti Huber dwar it-tip ta' kont li kienet qeda topera Lena Huber.

[1] Illi dak li sostniet il-konvenuta Lena Huber li sehh meta marret il-Bank mieghu jitfa' dubbju serju dwar il-precisjoni ta' din il-parti tax-xhieda taghha. Hi qalet li kienet marret il-Bank peress li Dr.Ragonesi kien qallha li ried jiddeposita xi flus f' isimha biex tkun tista' tkompli thallas ix-xoghol tal-bini. Hi qalet: "Lil min kellem Dr. Ragonesi ma nafx, naf pero' li dahal f' xi ufficju l-bank u x' hin hareg qalli li kollox kien sew." Dawn huma l-fatti esposti minn Lena Huber fix-xhieda taghha, u l-kwadru tal-fatti migjub minnha ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti, fuq din l-okkazzjoni, huma limitati ghal daqshekk. Din il-Qorti ghandha tibbaza il-konsiderazzjonijet taghha fuq dawn il-fatti.

Id-domanda li timponi ruhha f' dan ir-rigward hi: jekk verament l-affarijiet sehhew kif xehedet hi, allura xi htiega kien hemm li tmur il-Bank mal-konvenut ? F' dan ir-rigward, ix-xhieda tal-konvenut Dr.Ragonesi taghmel izjed sens u hija izjed plawsibbli. Dan sostna li huma kienu marru l-Bank flimkien biex il-konvenuta tiehu loan. Inizjalment ma dahlitx mieghu ghand il-Manager peress li ried jispjega lil dan li l-kondizzjoni tal-ipoteka ma kienitx

desiderabbli mal-konvenut Huber ghax dan kien impjegat mal-Barclays. Sussegwentement meta giet iffirmata l-garanzija minn Dr.Ragonesi, il-konvenuta kienet prezenti. Fil-fehma tal-Qorti din il-versjoni taghmel aktar sens u hija aktar verosimili. Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenuta Lena Huber tinghata overdraft facility, anke kontra garanzija personali ta' Dr.Ragonesi, minghajr ma tiffirma xi dokumenti, jew ghall-anqas tkun prezenti ghall-kontrattazzjoni. Inoltre, il-Qorti tosserva li din il-konvenuta ma tidhirx li kienitx daqshekk inesperta jew li kienet gdida ghall-hajja tan-negozzju b' mod li ma kienitx taf x' ikun ghaddej. Fi kliemha stess: "Jiena gieli bnejt u nnegozjajt fil-bini. Lili jafuni n-nies u ghalhekk jien l-aktar li kont immur." F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandha taghti affidament ghall-versjoni ta' Dr.Ragonesi li meta hu u l-konvenuta Lena Huber marru l-Bank, dina kienet taf li kienet ser tiehu self fuq isimiha.

[2] Fattur iehor li jghati konfort lill-versjoni tal-konvenut Ragonesi f' dan ir-rigward huwa l-fatt li dana fl-ittra mibghuta minnu lill-Bank li biha talab ghal-loan, huwa kien offra li s-self isir <u>kontra ipoteka specjali</u> fuq id-dar that kostruzzjoni, u kien minhabba c-cirkostanzi tal-konvenut Albert Huber li kellu eventwalment jaccetta li jggarantixxi solidalment u personalment is-self, biex jigi evitat li jsir kuntratt pubbliku. Jigi osservat illi kieku saret l-ipoteka fuq id-dar [li <u>kienet fuq isem il-konvenuta Lena Huber</u>, ghalkemm Dr.Ragonesi kien hareg kwazi l-ispejjez kollha hu, inkluz il-prezz tal-art] kieku ma kienx ikun hemm il-htiega ta' garanzija personali da parti ta' Dr.Ragonesi bil-konsegwenza li ma kienx ikun konvenut f' dawn il-proceduri.

[3] Illi konsiderazzjoni li taghti grad qawwi ta' probabbilita' li l-versjoni ta' Dr.Ragonesi f' dan ir-rigward hija veritiera u li Albert Huber kien jaf li l-kont fuq isem martu kien overdraft facility, jemani mill-korrispondenza esebita mill-konvenut Ragonesi bhala dokumenti VER1 sa VER19[20] Din il-korrispondenza skambjata bejn dan il-konvenut u Albert Huber u konfermata bil-gurament mill-konvenut

---

[20] Fols.276 *et seq.*

Ragonesi ma gietx la kontradetta u lanqas attakkata bhala inkompleta mill-konvnut Huber, nonostante li dan xehed f' seduti sussegwenti. Ghalhekk skond il-principji regolanti l-provi, dawn id-dokumenti ghandhom jitqiesu bhala veritieri.

Din il-korrispondenza tirrisali ghal-20 ta' Frar 1971 u testendi sal-25 ta' April 1975 u tindika kif svolgiet ir-relazzjoni ta' dawn il-konvenuti rigward il-business venture taghhom. Il-Qorti tosserva u bir-ragun tippretendi, fuq bazi tal-verosimiljanza, li jekk it-tesi tal-konvenut Albert Huber li jsostni li ma kienx konxju tat-tip ta' account li kienet qeda topera martu, dana fil-korrispondenza skambjata kien jesprimi id-dispjacir u r-rammariku tieghu, jekk mhux addirittura r-rabbja gustifikata tieghu li l-konvenut Ragonesi kien dahaq bih b' dan il-mod, u tradixxa l-fiducja li l-konvenuti Huber kellhom fih kemm bhala l-Avukat taghhom kif ukoll bhala prim kugin ta' Albert Huber. Dan, wara kollox ma kienx semplicement dettal, imma fatt serjissimu li kellu jwegga' gravament lill-konjugi Huber u li ghalhekk ir-reazzjoni taghhom kellha tirrizulta, almenu b' referenza, fil-korrispondenza skambjata. Izda minn din il-prova dokumentarja mhux biss ma rrizultax xi ilment f' dan ir-rigward da parti tal-konvenut Huber, izda lanqas biss hemm referenza ghaliha.

Din il-mankanza tispikka l-izjed fl-ittra[21] datata 25 ta' April 1975 li fiha Albert Huber informa lill-konvenut Ragonesi bl-ittra li Lena Huber kienet irceviet mill-Bank fejn dan informaha li kellha debit balance u talabha biex tirregolarizza l-posizzjoni taghha. Fl-imsemmija ittra tieghu Albert Huber, f' dan ir-rigward kiteb semplicement hekk: *"Kindly let me know by return mail what Lena has to reply to this letter."* Reazzjoni li tikkuntrasta ferm mal-versjoni tieghu li hu ma kienx jaf bil-loan, *multo magis* meta tigi valutata fid-dawl tal-fatt sostnut mill-istess Huber li huwa kien jaf bis-self biss "meta ircevejt l-ittra minghand il-Bank of Valletta."[22]

[21] Dok.VER10
[22] Fol.182

Illi l-premessi konsiderazzjonijiet wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li, ghad li Albert Huber ma tax il-kunsens tieghu bil-miktub, huwa kien konsapevoli ta’ dak li kien qed jigri u li martu kienet qeda topera dak it-tip ta’ kont. L-ewwel Perit Perit Legali l-Avukat Dr. Joseph Galea Debono, ghamel is-segwenti osservazzjoni f’ dan ir-rigward: “ hu ferm stramb li l-konvenut Albert Huber, impjegat gholi ta’ Bank innifsu ma jkunx jaf x’ kien ghaddej.”[23]

***Ratifika***

Illi mill-provi rrizulta li uhud mic-cheques kien ippreprahom il-konvenut Albert Huber biex tiffirmahom il-mara tieghu. Dan il-fatt gie ammess minnu partikolarment fir-rigward ta’ zewg cheques, dak bin-numru 272/13929[24] datat 15 ta’ Dicembru 1972 u dak numru G 272/17656[25] datat 30 ta’ Mejju 1973. Ic-cheques l-ohra, hlief ghal dak numru 26729, huma dattilografati hlief naturalment ghall- firma.

Illi l-Qorti tosserva li l-konvenut Dr.Ragonesi jsostni li l-fatt li Albert Huber kien mela uhud mic-cheques, inkluz ic-cheque numru 26729, jwassal ghall-konkluzjoni li Albert Huber kien “jaf u approva apprioristikament li Lena Huber tiehu self mill-Bank, izda wkoll li Albert Huber, wara li sar dak is-self, irratifika l-fatt li martu hadet dak is-self mill-Bank u kienet bil-kunsens u l-intervent tieghu stess qed topera l-account tas-self”.[26] Il-konvenut Huber minn naha tieghu jsostni kategorikament li huwa kien haseb li Dr.Ragonesi kien pogga ammont ta’ flus fil-kont tal-mara tieghu biex taghmel il-pagamenti minnhom, u mhux li fetah *overdraft facility* fuq isimha.

In propositu ghal-linja difensjonali tar-Ratifika jigi osservat in tema legali li jinsab ritenut li *“Il contratto affetto din una causa di annullabilita’ puo’ essere convalidato con l’effetto di sanare il contratto e di precludere l’ azione di*

[23] Fol.165
[24] Dok.VR7
[25] Dok.VR9
[26] Nota Osservazzjonijiet konvenut – Fol.354

*annullamento. Lo si puo' convalidare in due modi: o con una espressa dichiarazione di convalida… oppure in modo tacito. La parte cui spetta l' azione* ***.. da volontariamente esecuzione al contratto pur conoscendo la causa di annullabilita'.*** *In questo caso se egli successivament chiede l' annullamento del contratto l' altra parte potra' eccepirgli l'avvenuta convalida dello stesso [****Diritto Privato – Francesco Galgano*** *1988 pp269 et seq][ App.Civ.****George Borg vs Ronald Camilleri*** *[1997] Vol.LXXXI.II.402 Vide App.Inf. [PS]* ***Aquilina vs Ellul*** *17 ta' Marzu 2003] .* Fil-kaz *App.Civ.****Joseph Grech vs Mary u Martin Debattista*** *[2000] Vol.LXXXIV.II.*487 gie osservat li meta l-ligi titkellem dwar "xi att iehor li juri l-intenzjoni" [Art.1229] li jinghata effett ghall-obbligazzjoni … kienet qed tifhem li dik il-persuna f' xi agir taghha attiv jew passiv, **kjarament turi l-intenzjoni li tassumi dik l-obbligazzjoni** u taccetta li tissodisfaha. Mhux bizzejjed li, ghalkemm tkun taf bl-obbligazzjoni li tinteressaha, il-persuna tonqos li tieghu passi ghar-rexissjoni taghha.

Jigi osservat ulterjorment li r-ratifika ta' obbligazzjoni fit-termini tal-Artikoli 1227 *et seq*. tal-Kap.16 topera bhala rinunzja tad-dritt ta' l-azzjoni ghar-rexissjoni, u stante li ratifika tikkostitwixxi rinunzja ghad-dritt ta' annullament *"richiede tutte le condizioni intrinsiche indispensabili per l ' efficacia delle rinuzie" [****Giorgi*** *– Digesto Italiano, Ratifiche para.17 citat minn din il-Qorti fil-kawza* ***Giuseppe Agius et vs Paola Farrugia*** *[1958] Vol.XLIIB.I.333].* F materja ta' rinunzja ta' dritt hija gurisprudenza stabbilita li dina ghandha tirrizulta b' mod car u univoku li ma jhalli ebda dubbju dwar l-intenzjoni tal-parti rinunzjanti. Gie ritenut: , "Ir-rinunzji huma di stretto diritto, u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt, u li **juru l-volonta' preciza ta' rinunzja**. Quindi ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizzji cari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan kollu li jekk il-indizji u l-fatti jhallu dubju dwar il-volonta' tal-persuna, dan ghandu jittiehed kontra l-ezistenza tar-rinuzja" *[PA* ***Alfred Cauchi vs Joseph Xuereb*** *– 09.10.2003; ] "La rinunzja non si presume e*

*deve' essere concludentemente provata; se e' tacita, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che includa necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altre interpretazioni, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante." [App.* ***Chappelle vs Caruana Gatto*** *– 17.06.1898].*

Illi b' applikazzjoni tal-principji suesposti il-Qorti tosserva li l-fatt *ut sic* u li gie ammess minnu stess li Albert Huber ipprepara uhud mill-assenji relattivi ghal kont de quo ghal firma ta' martu, u li dan ghamlu meta kien konsapevoli tat-tip ta' kont li kienet qed topera, dan, ghall-finijiet u effetti tal-ligi, jikkostitwixxi intervent personali da parti tieghu sufficjenti sabiex tigi ratifikata l-kontrattazzjoni bankarja assunta minn martu. B' din il-partecipazzjoni attiva da parti tieghu, Albert Huber accetta li jassumi l-obbligi ta' martu fil-konfront tal-Bank u rrinuzja ghad-dritt tieghu li jitlob l-annullament tal-obbligazzjoni.

Illi in vista tal-premess, il-Qorti tqis li l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Huber huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha treggi l-azzjoni attrici fil-konfront taghhom.

Illi in propositu ghall-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Dr. Ragonesi, huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi rigward l-ewwel eccezzjoni jirrizulta provat li Henri Rizzo kellu r-rappresentanza tal-Bank meta giet prezentata c-citazzjoni, kif jixehed id-dokument a fol.27;

[2] Rigward it-tieni eccezzjoni, jigi osservat li, ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, dan il-konvenut "kwantu ghall-posizzjoni tieghu bhala garanti solidali mal-konvenuta, huwa jirriserva illi jaghti l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri tal-kawza wara li ikun ezamina l-eccezzjonijiet fil-meritu taz-zewg konvenuti l-ohra"[27] – ma saru ebda eccezjonijiet ulterjuri f' dan ir-rigward; hlief li fin-nota tal-osservazzjonijiet jsostni li l-ammont pretiz mill-Bank inkluz l-interessi ghandhom jithallsu esklusivament

[27] Fol.24

mill-konvenuti Huber, flimkien mal-ispejjez kollha gudizzjarji u relattivi.

In propositu, il-Qorti tosserva li rrizulta ampjament mill-provi migjuba, u b' mod partikolari mid-dokument B[28] li dan il-konvenut dahal responsabbli bhala garanti solidali ghad-dejn ta' Lena Huber, u ghalhekk huwa ghandu jitqies bhala ko debitur principali vis a vis il-Bank bl-effetti legali kollha li din it-tip ta' garanzija ggib maghha. Il-ligi fl-Artikolu 1935 espressament tghid: "Il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx … [b] jekk il-garanti jkun obbliga ruhu *in solidum* mad-debitur." Ghalhekk din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

[3] Illi in kwantu ghat-tielet eccezzjoni tieghu, li hi fis-sens li l-addebiment tal-interessi tat-tmienja fil-mija kull sitt xhur jeccedu, fuq bazi annwali, ir-rata permessa mill-ligi, u ghalhekk jikkostitwixxi usura, ghalkemm gew prezentati zewg noti tal-osservazzjonijiet da parti tal-Banka attrici, wahda fl-10 ta' Gunju 1977[29] u l-ohra fis-6 ta' Frar 2004[30], ma saret ebda referenza jew esposizzjoni f' dan ir-rigward fin-nota prezentata mill-konvenut. F' dan ir-rigward, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kazistika citata mill-attur fin-nota tieghu, b' mod partikolari dik tal-10 ta' Gunju 1977 fejn giet citata gurisprudenza antika fejn gie deciz li "fil-kaz ta' kont kurrenti l-Banek jistghu jikkapitalizzaw l-interessi ghaz-zmien inqas minn sena u dana skond uzu rikonoxxut anke mill-Qrati taghna diment illi l-kont kurent jkun ghadu fil-kors tieghu" ***[John Scicluna vs Michele Tufigno*** *Vol.XXX.III.480 u* ***Francesco Tabone vs Luigi Piovano*** *Vol.XXVII.I.826].* Dan il-principju rega' gie konfermat mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kawza ***Avukat Dottor Dominic Cassar noe vs Lawrence Farrugia noe et*** *– deciz 6.12.2002,* li osservat li fil-kaz ta' kont *overdraft* huwa rikonoxxut l-akkreditar ta' imghax fuq l-imghax kompost, izda kif il-kont jigi "terminat, anke unilaterlament da parti tal-kreditur simultanjament jidhlu in vigore il-provvediment normali tal-mutwu u minn dak il-hin huwa illecitu ghall-kreditur li jkompli jikkredita l-

[28] Supra
[29] Fol.29
[30] Fols.381 - 399

imghaxijiet komposti…. Wara din id-data ghalhekk ma huwiex permessibbli ghall-bank attur li jiddeposita imghax hlief b' rata semplici fuq bazi annwali."

Fil-meritu jigi osservat li ma hemmx kuntrast u jirrizulta ampjament mill-provi li l-kont in kwistjoni kien wiehed ta' 'overdraft', u ghalhekk huma applikabbli l-principji suesposti. Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni tal-konvenut Dr.Ragonesi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

[4] Ir-raba eccezzjoni hija fis-sens li dan il-konvenut m' ghandux jinzamm responsabbli ghall-parti kbira mis-somma pretiza, "ghaliex il-bank ma hax il-firma ta' l-eccijent qabel ma avanza il-flus kif kien miftiehem bejn l-eccepjenti u l-bank." In propositu l-Qorti, taghmel referenza ghall-konsiderazzjoni gia premessa li huwa kien jircevi l-bank statements u ghalhekk kien konxju tal-assenji li kienu qed johorgu minn Lena Huber u cio nonostante huwa baqa' passiv u ma jirrizultax li ghamel xi ilmenti jew protesta f' dan is-sens, u ghalhekk ghal din is-sitwazzjoni tapplika l-*massima qui tacet consentire videtur*. Illi inoltre, ma ngabux provi sodisfacenti li jissufrugaw lil dan il-konvenut f' dan ir-rigward, u ghalhekk din l-eccezzjoni tibqa' bazata fuq asserzjoni mhux provata; u ghalhekk mhux sostenibbli.

Dan premess u kunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-attur nomine rnexxielu jipprova sodisfacentment il-pretensjoni tieghu kontra l-konvenuti kollha.

Illi in kwantu ghall-kap tal-ispejjez, il-Qorti tosserva li n-nuqqas da parti tal-Bank attur li jesigi l-produzzjoni tal-kunsens bil-miktub tal-konvenut Albert Huber, qabel ma kkonceda l-facilita' bankarja lil Lena Huber, kkontribuwixxa ghall-komplessita' tal-kaz; u dan in-nuqqas ghandhu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' tlett elef, mija tmienja u ghoxrin lira

maltin u sebghin centemzu u millezmu, [Lm3,128.70c1m] flimkien ma' l-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez jigu spartiti bil-mod segwenti: nofs l-ispejjez tar-registru u tar-relazzjonijiet peritali jigu sopportati mill-Bank attur, filwaqt li n-nofs l-iehor jkun a kariku tal-konvenuti bejniethom; il-kumplament tal-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Jibqaw impregudikati d-drittijiet tal-konvenuti fil-relazzjonijiet interni ta' bejniethom, naxxenti mill-ftehim originali ezistenti bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------